**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 23 ta' Frar, 2016**

**Avviz numru:- 9/2013JVC**

**Eucharist Gauci**

**Vs**

**Juliana Attard, Joseph Gauci, Nicholas Gauci**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Li prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti huma debituri ta' l-attur fl-ammont kumplessiv ta' ghaxart elef mija tmienja u tmenin Euro u sitta u tletin centezmu (€10,188.36), jew somma ohra likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti li f'kull kaz ma taccedix il-kompetenza Taghha, rapprezentanti sehem il-konvenuti minn ammont akbar dovut lill-attur skont skrittura privata ta' nhar l-4 ta' April, 2008, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument EG1", in linea ta' servigi rezi lill-omm il-kontendenti, Maria Gauci, u spejjez ohra sborzati mill-esponenti.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-attur l-imsemmi ammont ta' ghaxart elef mija tmienja u tmenin Euro u sitta u tletin centezmu (€10,188.36), jew tali somma ohra likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti li f'kull kaz ma taccedix il-kompetenza Taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali pprezentati taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandhom in-numri 56/2013, 57/2013 u 58/2013 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti sal-jum tal-pagament effettiv, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Juliana Attard, Joseph Gauci u Nicholas Gauci fejn eccepew:

1. Illi dan il-gudizzju mhux integru in kwantu l-ftehim li dwaru qieghed jibbaza t-talba tieghu, cioe' l-ftehim tal-4 ta' April 2008 kien hemm ukoll firmatarja ghalih Maria Assunta Pisani.

2. Illi din it-talba llum tinsab intempestiva u dan ghal zewg ragunijiet:-

   a) Skont il-klawsola (4) tal-ftehim fuq imsemmi, jekk wahda mill-partijiet ma tkunx f'posizzjoni li thallas sehemha minn dawk ta' servigi 'allura u f'dak il-kaz, is-sehem altrimenti spettanti illi jithallas minnu, jithallas meta ssir d-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghhom'. Il-konvenuti kemm-il darba nfurmaw lill-attur li m'humiex f'posizzjoni li jhallsu sehemhom. Il-genituri tal-kontendenti jinsabu t-tnejn mejtin u ghalhekk ma hemm hadd u xejn li jista' jzomm milli ssir il-qasma tal-assi ereditarja u b'hekk l-attur jista' jithallas l-ammont pretiz ta' sehem.

   b) Nel frattemp l-attur dahal f'att ta' konvenju mal-konvenuti sabiex jixtri sehemhom minn fond li jappartjeni lill-assi ereditarji u ghalhekk kwalunkwe ammont li hu dovut lilu jista' jigi kkompensat ma' kwalunkwe ammont li huwa dovut minnu bhala prezz tal-immobbli li sejjer jinbiegh.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, fid-dritt u fil-fatt;

Rat in-nota tal-attur a fol. 14 tal-process datata 8 ta' April, 2014 li taqra kif isegwi:

'Li biha jcedi s-sorte minnu mitluba f'din il-kawza stante hlas li sar lilu llum stess b'dana illi huwa jzomm t-talbiet tieghu ghall-hlas lilu ta' l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali fermi, shah u mpregudikati.

Rat li minn dak il-punt 'il quddiem il-provi bdew jingabru unikament dwar l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat li fil-verbal tat-3 ta' Dicembru, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-ispejjez ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat ix-xhieda, dokumenti u l-atti kollha pjuttost voluminuzi li ngabru nonostante li l-provi kienu qed jingabru biss fuq il-kwistjoni tal-ispejjez.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti  kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-kwistjoni f'din il-kawza hija rizultat ta' ftehim bejn hamest ahwa ghar-rigward ta' kuri u servigi prestati lill-omm l-ahwa mill-attur u ohtu Maria Assunta maghrufa bhala Sonia Pisani.  L-attur flimkien ma' ohtu Sonia Pisani, li ma gietx imharka f'din il-kawza hadu hsieb lil ommhom fis-snin qabel il-mewt taghha u fil-fatt fl-4 ta' April, 2008 l-ahwa kienu ffirmaw kuntratt bejniethom (fol. 26) fejn il-konvenuti obbligaw rwiehhom li jhallsu ammont ta' flus maqbul bejniethom kalkolat fuq perjodi ta' gimghat lill-attur u lil ohtu Sonia Pisani.  Il-kura da parti tal-attur u Sonia Pisani fil-konfront t'ommhom baqghet ghaddejja sakemm hija finalment giet nieqsa.  Meta l-attur ghadda biex jitlob il-hlas minghand hutu skont il-ftehim imsemmi jirrizulta li dawn irrifjutaw, u dan nonostante li fi snin ta' qabel kienu halsu bla problema, liema rifjut kien ibbazat fuq klawzola nkluza fl-istess ftehim li taqra kif isegwi:

*'In oltre il-partijiet jaqblu illi f'kaz illi xi wiehed mill-partijiet jinqalalu xi kaz ta' mard serju jew lill-familja tieghu jew ma jkunx f'posizzjoni li jibqa' jhallas sehem minn dawn l-ispejjez, allura f'dan il-kaz is-sehem altrimenti*

*spettani illi jithallas minnu, jithallas meta ssir id-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghhom.'*

L-attur isostni li mhux minnu li l-konvenuti ma kienux f'posizzjoni li jhallsu izda rrifjutaw biss rizultat ta' pika u xejn aktar tant li kemm hu kif ukoll ohtu Maria Assunta sive Sonia kellhom jipprezentaw kawzi separati ghall-hlas tas-somma dovuta lilhom.

Fl-ewwel lok din il-Qorti, ghalkemm din hija decizjoni biss fuq l-ispejjez trid tiddeciedi l-ewwel ecccezzjoni tal-konvenuti fejn isostnu kif isegwi:

'Illi dan il-gudizzju mhux integru in kwantu l-ftehim li dwaru qieghed jibbaza t-talba tieghu, cioe' l-ftehim tal-4 ta' April 2008 kien hemm ukoll firmatarja ghalih Maria Assunta Pisani.'

Illi f'dan ir-rigward, sa mill-bidu tal-proceduri l-attur iddikjara quddiem din il-Qorti li ma' ohtu huwa kien ftiehem u li ma kien hemm xejn dovut lilu minghand ohtu. Fil-fatt jirrizulta li s-somma ta' €10,188.36 pretiza mill-attur f'dawn il-proceduri kienet dovuta biss mit-tliet konvenuti bejniethom u mhux minn Maria Assunta Pisani. In vista ta' dan il-Qorti ma tqisx li legalment l-attur kellu ghalfejn idahhal fil-kawza lil Maria Assunta Pisani unikament ghaliex kienet firmatarja kif qed isostnu l-konvenuti u dan stante li jirrizulta bic-car li hija ma kellha taghti xejn lill-attur.

Ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti ser tghaddi biex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi fil-mertu fuq il-kwistjoni tal-ispejjez mill-provi kollha mressqa lil din il-Qorti fosthom diversa dokumentazzjoni li tevidenzja l-qaghda finanzjarja tal-konvenuti kif ukoll korrispondenza skambjata bejn l-avukati tal-partijiet in partikolari dik esebita a fol. 373 u 375 tal-process din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li kieku l-konvenuti verament riedu jhalsu dak dovut minnhom lill-attur ma kellhom l-ebda problema finanzjarja sabiex jaghmlu dan. Irrizulta izda evidenti mill-atti li l-konvenuti kienu qed jirrifjutaw li jhallsu dak dovut minnhom sabiex b'xi mod jimbuttaw lil huhom l-attur biex jiftiehem dwar il-bejgh tal-proprjeta' in komuni bejniethom ghaliex skont huma huwa kien qed itawwal il-process. Din il-Qorti rat diversi

provi fl-atti li jevidenzjaw li l-konvenuti kienu qed juzaw il-fatt li ghandhom jaghtu l-flus lil huhom bhala arma sabiex jaslu ghall-bejgh tal-proprjeta' in komuni billi jweghduh li ser ihallsuh mal-bejgh. Dan ma kienx ghaliex kellhom xi problemi finanzjari jew xi mard fil-familja (kif sostnew tul il-kawza) kif mehtieg mill-ftehim iffirmat bejniethom izda unikament riedu jilhqu ghan iehor oltre l-ftehim billi ghazlu li ma jhallsux. Issir referenza ghall-ittra tal-Avukat tal-konvenuti esebita a fol. 375 tal-process datata 24 ta' Mejju, 2012 u cioe' aktar minn sena qabel l-attur kien kostrett li jiftah din il-kawza fejn jinghad kif isegwi:

'Il-klijenti tieghi jirrispettaw dak li diga' stqarrew permezz tal-korrispondenza precedenti fis-sens li **<u>huma jippreferu</u>** li inti tithallas minn sehemhom tal-proprjeta' li hemm in divizjoni. Ghalhekk issa qabel imbaghad ikun fl-interess ta' kulhadd li jibieghu l-beni in divizjoni senjatament il-fond 63 u 64 Triq San Anton, Xaghra, Ghawdex, tista' tixtrih inti stess jekk inti nteressat. '

In succint il-paragrafu suespost jaghti ndikazzjoni cara tal-animu tal-konvenuti fir-rifjut taghhom li jhallsu lill-attur. Minn din l-ittra l-Qorti fehmet car x'kienet l-intenzjoni tal-konvenuti tant illi ma ssemma' xejn li kellhom problemi biex ihallsu l-attur ai termini tal-ftehim izda jiddikjaraw li **jippreferu** li jhallsu mod iehor. Dan il-mod iehor izda ma kienx parti u lanqas kien sanzjonat mill-ftehim iffirmat bejn l-ahwa. Il-konvenuti ghazlu li jiehdu din it-triq fil-konfront tal-attur forsi verament ghaliex l-attur kien qed itawwal il-kwistjoni tad-divizjoni tal-assi ta' bejniethom izda din l-ghazla ma kinitx kontemplata fil-ftehim ta' bejniethom datat 4 ta' April, 2014 u ghaldaqstant ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-konvenuti kellhom raguni valida sabiex jibqghu jirrifjutaw li jhallsu sahansitra meta gew avzati li kienet ser tinfetah il-kawza kontra taghhom anki permezz ta' ittri ufficjali.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara l-mertu ezawrit, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bhala nfondata legalment, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiddikjara li l-ispejjez kollha ta'

din il-kawza kif ukoll l-ispejjez kollha kif mitluba fl-avviz ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur